MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 582/1994/2

**Joseph u Mary konjugi Cassar**

**vs**

**Espedito Spiteri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-attrici pprestat u rrendiet lil Mary Spiteri kuri, servigi u assistenza kif ahjar ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur ukoll irrenda servigi lill-istess Mary Spiteri;

Illi l-imsemmija Mary Spiteri mietet fit-12 ta' Jannar tas-sena korrenti u l-konvenut huwa l-werriet assolut taghha;

Illi interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi resi lill-awtrici tieghu irrifjuta li jhallas;

L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi ipprestaw u rrendew kuri, servigi u assistenzi lill-awtrici tal-konvenut;

2. tillikwida, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, l-ammont dovut lill-atturi rapprezentanti servigi u kuri u assistenzi prestati;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez inklzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal- u l-imghax relattiv kontra l-konvenut li gie ngunt biex jidher in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-guirament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Il-preskrizzjoni kwinkwennali safejn applikabbli;

2. Illi mhux minnu li l-atturi irrendew xi servigi skond il-ligi hlief ghal xi azzjonijiet ta' buonvicinat: f'kull kaz l-atturi dejjem thallsu ampjament ghal kull servigi li setghu gew talvolta resi minnhom da parti tal-mejta Mary Spiteri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 1999 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li Mary Spiteri mietet fit-12 ta' Jannar 1994;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 1999;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

L-atturi konjugi Cassar jippretendu li huma t-tnejn ipprestaw u rendew kuri, servigi u assistenza lil Mary Spiteri li mietet fit-12 ta' Jannar 1994. Huma qed jitolbu li tigi likwidata s-somma li ghandha tithallas ghal dawn is-servigi u li l-konvenut Espedito Spiteri, li huwa l-uniku werriet tal-imsemmija Spiteri, jigi kundannat ihallashom din is-somma hekk likwidata;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi, fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni kwinkwennali safejn applikabbli. Fit-tieni lok l-istess konvenut jeccepixxi li l-atturi ma rrendewx servigi izda semmai ghamlu xi azzjonijiet ta' buonvicinat. Il-konvenut isostni ukoll li fi kwalunkwe kaz l-atturi thallsu ampjament mill-mejta Mary Spiteri;

Ser tigi l-ewwel esaminata l-kwestjoni jekk giex ippruvat li z-zewg atturi rrendew servigi skond il-ligi lill-mejta Mary Spiteri;

Jirrizulta li l-mejta Mary Spiteri, li kienet toqod wahedha, kienet f’sahhitha prattikament sakhemm mietet. Spiteri kienet konfinata ghas-sodda biss minn xi ftit jiem qabel ma mietet u minn dawn il-granet uhud minnhom ghamlithom l-isptar. Jirrizulta ampjament li l-imsemmmija Mary Spiteri, meta kienet b’sahhitha, kienet f’posizzjoni li tiehu hsieb taghha nnifisha. Setghet tara hi stess ghal bzonnijiet kollha taghha u ukoll setghet wahedha tghamel il-facendi tad-dar. Inoltre jirrizulta li kienet tiddeletta issajjar u ta’ spiss kienet tistieden in-nies ghall-ikel;

Jirrizulta li l-atturi kienu joqodu bieb ma bieb ma din Spiteri. L-atturi ma kienu jigu xejn mill-istess Spiteri. L-atturi jippretendu li meta l-istess Spiteri kienet tkun ma tiflahx, l-attrici kienet tghinha u tiehu hsiebha. Dan ma kienx xi mard gravi izda r-riferenza hi ghal mard tas-soltu bhal influenza jew ugih ta’ ras. L-attrici tippretendi ukoll li gieli hasslitilha xi hwejjeg u ghamlitilha facendi ohra anke meta Spiteri kienet tkun tiflah. L-attrici ghamlet kalkolu u kkonfermat li dan kollu kienet tghamlu ghal circa ghoxrin (20) gurnata fis-sena, ghal xi tnax (12) il-sena. Jirrizulta ukoll li Spiteri kienet issiefer ta spiss, qisu darba fis-sena, u kull meta dan kien isehh, l-attrici kienet tiehu hsieb id-dar ta’ Spiteri u kienet tiehu hsieb li titmalha l-qtates;

Fid-dawl tal-provi kollha prodotti ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement ippruvat li l-atturi rrendew servigi, fit-termini li trid il-ligi, lill-imsemmija Mary Spiteri. Difatti dwar il-facendi li allegatament l-attrici kienet tghamel ghand Spiteri, l-attur zewgha stess jghid li dawn l-okkazzjonijiet ma kienux frekwenti. F’dan ir-rigward hu rilevanti li jinghad li hu l-konvenut, cioe’ Angelo Spiteri,

jghid li hu minnu li ohtu l-imsemmija Mary Spiteri kienet tqabbad lill-attrici biex tghamel xi facendi fid-dar taghha, pero' huwa jkompli jghid li ghal dan ix-xoghol l-attrici kienet tithallas;

In effett jidher li kien hemm relazzjonijiet tajbin hafna bejn il-familja tal-atturi u l-imsemmija Spiteri. Dawn ir-relazzjonijiet tajbin wasslu li jkun hemm varji azzjonijiet reciproci ta' buon vicinat. Jidher inoltre li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn Spiteri kienet tghati lill-attrici xi haga tal-flus ghal dak li tkun ghamlet ghaliha. Difatti jirrizulta li kull meta Spiteri kienet tigi lura minn barra hija kienet tghati xi haga tal-flus lill-attrici talli din tal-ahhar hadet hsieb id-dar u tmat lill qtates;

L-attrici stess tammetti li Spiteri kienet ukoll tghatiha rigali fi flus fil-birthday u fil-festi bhal milied. Inoltre Spiteri kienet taghti rigali lit-tfal tal-atturi f'okkazzjonijiet bhal maghmudija, precet u grizma. In effett jirrizulta li Spiteri kienet il-parrina tal-grizma ta wahda mill-ulied tal-atturi u f'dik l-okkazzjoni tghatha rigal ta' mitt liri maltin (Lm100). Jirrizulta ukoll li gieli t-tfal tal-atturi kienu jmorru jieklu ghand Spiteri;

Jirrizulta ukoll li meta t-tfal tal-atturi kienu ghadhom zghar gieli zammithom ghandha Spiteri. Hu minnu li l-atturi kellhom ic-cavetta tad-dar ta' Spiteri, pero' dan kien biss, kif xehedet l-istess attrici, sabiex Spiteri ma tinhafilx barra. Il-qanpiena ta' barra tad-dar ta' Spiteri kienet ukoll iccempel ghand l-atturi u dan semplicement sabiex l-atturi jkunu jafu li dahal xi hadd ghand Spiteri. L-atturi u Spiteri kienu miftehmin ukoll li jekk Spiteri kien ikollha bzonn xi haga kienet thabbat mal-hajt divizorju bejn fejn kienet toqod hi u fejn joqodu l-atturi. Kien hemm xi okkazzjonijiet minn dawn pero' dawn kienu pjuttost rari;

Il-buon vicinat wassal ukoll li meta Spiteri kienet issiefer kienet thalli d-deheb taghha ghand l-atturi. In effett jidher li peress li Spiteri kienet tghix waheda f'certi mumenti tal-gurnata riedet xi wens u dan il-wens kienet issibu fl-attrici u l-familja taghha. Dan pero' ma jistax jinghad li jammonta ghal xi tip ta' servigi. Difatti jirrizulta li l-konvenut, li jigi hu

Mary Spiteri, kien imur frekwentement jara lill-ohtu u kien jiehu hsieb il-finanzi taghha tant li kellu xi kontijiet bankarji komuni ma ohtu. Membri ohra tal-familja ta' Spiteri kienu jinvistawha regolarment. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li Spiteri kienet abbandunata mill-familjari taghha;

Lanqas ma jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur irrenda xi servigi. F'dan ir-rigward l-attur jallegas li huwa kif kien jiehu hsieb tal-bjut tieghu kien ukoll jghamel xoghol ta' manutenzjoni ghar-rigward tal-bjut tal-fond fejn kienet tghix Spiteri. Inoltre l-attur jallega ukoll li kien zebah il-faccata tal-istess fond ta' Spiteri b'materjal tieghu u qatt ma thallas. Apparti l-fatt li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx sufficjentement konfermati bi provi ohra, jista jinghad ukoll li dawn jammontaw ghall-imsemmija azzjonijiet tal-buon vicinat. Jirrizulta ukoll li Spiteri kienet mgharufa seww ghal qalb tajba taghha u ghal generosita' taghha u jidher li minn dak li kien ikolla kienet taghti bil-qalb lil kull min jaghmlilha xi haga;

Gie diversi drabi ritenut (Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "Gio Maria Zammit et vs Avukat Dottor Joseph Vella nomine" deciza fl-1 ta' Dicembru 1958 u "Carmela Farrugia et vs Mary Abela" deciza fis-6 ta' Ottubru 1961) li hu dovut kumpens ghal servigi meta mic-cirkostanzi jirrizulta li l-prestant kellu l-intenzjoni li jithallas. Fil-kaz in esami, in effett, jidher li l-atturi qatt ma ppretendew xi hlas ghal dak li kienu jghamlu ma Spiteri. Difatti l-attrici stqarret li dak kollu li ghamlet ma Spiteri ma ghamiltux ghal flus. Mill-banda l-ohra l-attur, li xehed fl-ahhar ta' dawn il-proceduri, qal li Spiteri kienet weghditu li kienet ser thalli xi haga lit-tfal tieghu bhala kumpens ghal dak li l-atturi kienu ghamlu maghha. Huwa jghid li dan il-kliem Spiteri qalitu fil-presenza ta' diversi xhieda. Dawn ix-xhieda pero' fl-ebda hin tul id-deposizzjoni taghhom ma kkonfermaw li Spiteri semmiet quddiemhom xi laxxiti lit-tfal tal-atturi. Inoltre jidher li fil-fatt Spiteri ma halliet xejn lill-ulied l-atturi;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-atturi.